MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 378/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
Giovanni Vella
Agnes Vella
Giuseppa Vella

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmijin Giovanni Vella, Agnes Vella u Giuseppa Vella talli fid-19 ta’ Gunju 2003 u/jew fix-xhur ta’ qabel gewwa l-Qawra bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom bl-awtorita` taghhom infushom fixklu lil Mario Micallef proprju u/jew bhala direttur tas-socjetajiet Flipper Trading Co. Ltd. u Marang Holding Ltd. bhala socjeta`

amministratrici u socjeta` proprjetarja rispettivament tal-hanut maghruf bhala “Flipper”, Triq il-Qawra, Qawra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Novembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Giovanni Vella, Agnes Vella u Giuseppa Vella hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u kkundannathom ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm300 kull wiehed u wahda minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmijin Giovanni Vella, Agnes Vella u Giuseppa Vella pprezentat fis-27 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li fil-konfront taghhom tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibhomx hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u konsegwentement tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta attribwiet responsabbilta` kriminali lilhom peress illi ma jirrizultax illi huma b’xi mod ikkommettew l-*actus reus* li permezz tieghu gie kommess ir-reat in kwistjoni; (2) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi meta ddecidiet li l-appellanti kienu ko-proprjetarji ta’ parti mill-hanut peress illi parti jappartjeni lil Agnes Vella biss u parti ohra lis-socjeta` Flipper Trading Company Limited.

Dawn l-aggravji in realta` jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi

maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].
Din il-Qorti effettivament semghet il-provi kollha u minnhom huwa car illi l-appellanti odjerni ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-fatt addebitat lilhom. Difatti xehed Adrian Vella u mill-ewwel stqarr li kien hu li qata' s-servizz tad-dawl lil Mario Micallef, u dan minghajr l-anqas ma talab il-permess tas-sidien l-ohra. Ghaldaqstant l-appell ta' Giovanni Vella, Agnes Vella u Giuseppa Vella jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Giovanni Vella, Agnes Vella u Giuseppa Vella u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-imsemmijin Giovanni Vella, Agnes Vella u Giuseppa Vella hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u kkundannathom multa ta' Lm300 kull wiehed u wahda minnhom u minflok tiddikjarahom mhux hatja ta' dik l-imputazzjoni u b'hekk tilliberahom minn tali imputazzjoni u mill-piena nflitta.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------